# Mant għall-istatwa ta' Santa Marija

**Il-parroċċa ta' Ħad-Dingli nediet proġett ambizzjuż: mant għall-istatwa titulari ta' Santa Marija. MARIO MICALLEF jagħti ħarsa lejn ix-xogħol li twettaq fix-xhur li għaddew. Dak li sar kienu l-ewwel passi fi triq twila, li għax għandna f'qalbna l-imħabba lejn Marija Assunta, konvinti li se nwettquha flimkien.**

Fi tmiem il-festa ta' Santa Marija 2017, l-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit ħabbar dak li ħafna Dinglin kien ilhom snin twal jistennew. Fis-sigħat ta' qabel, kien indika li għandu aħbar sorpriża. Hu hekk kienet! Wara li ngħatat il-barka sagramentali fid-dħul tal-purċissjoni bl-istatwa titulari, l-Arċipriet ħabbar li l-parroċċa se tagħti bidu għal proġett biex titwettaq xewqa li ilha snin tiġi espressa mill-poplu ta' Ħad-Dingli. Il-proġett jinvolvi mant għall-istatwa ta' Santa Marija, meta din tinħareġ min-niċċa u tkun armata fil-knisja għall-jiem tal-festa. Dun Ewkarist Zammit stqarr li dan mhux proġett li jsir f'sena jew sentejn iżda wera x-xewqa li kollox isir b'mod studjat u tajjeb mingħajr mal-proġett jieħu aktar żmien milli jmissu.

Fil-ġimgħat ta' wara, il-parroċċa rat u studjat mill-qrib proġetti simili f'parroċċi oħra Marjani fosthom dawk ta' Marija Bambina fin-Naxxar u l-parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar. F'kull waħda minn dawn il-parroċċi sibna l-bieb miftuħ u kollaborazzjoni sħiħa, kemm mill-Arċipriet kif ukoll mill-voluntiera tal-parroċċi rispettivi li spjegawlna kif inħadem, jintrama u jintrefa' l-mant tagħhom. Il-parroċċa fittxet li tisma' wkoll l-esperjenza tal-aħħar parroċċa f'Malta li inawgurat mant ġdid għall-istatwa titulari: il-parroċċa tal-Gżira. Il-mant ġie inawgurat fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu tas-sena li għaddiet u ħa post ieħor li kien ilu jintrama bosta snin.

F'dan l-istadju, il-parroċċa nkarigat lis-Sur Silvio Pace minn Ħal Qormi biex jiddisinja l-mant. Saru bosta laqgħat mad-disinjatur, Silvio Pace, u ma' Patri Martin Borg O.C.D., li jispeċjalizza f'xogħol ta' rakkmu, dwar l-ippjanar ta' dan il-proġett. Fuq parir tagħhom, f'Ottubru 2017 l-Arċipriet avviċina lill-Kappillan tal-Gżira, Dun Karm Tanti, u talbu jekk ikunx dispost li jislifna l-mant l-antik tal-parroċċa tiegħu biex fil-bidu ta' Diċembru jintrama fil-knisja tagħna. Il-ħsieb wara din l-inizjattiva kien doppju. L-ewwel nett ridna li l-poplu ta' Ħad-Dingli jifhem u japprezza aħjar x'jinvolvi l-proġett li l-parroċċa se tidħol għalih. B'mant armat u bl-istatwa ta' Santa Marija taħtu, id-disinjatur li qabbadna jkun jista' jifli ċerti dettalji biex joħroġ bl-aħjar disinn għad-daqs tal-istatwa u l-knisja tagħna.



Din it-talba ntlaqgħet. Għall-ewwel tmiem il-ġimgħa ta' Diċembru, li kien l-ewwel Ħadd tal-Avvent, l-istatwa titulari ta' Santa Marija nħarġet min-niċċa u tpoġġiet taħt il-mant misluf mill-parroċċa tal-Gżira. Il-parroċċa tirringrazzja lill-Kappillan tal-Gżira li ffaċilita l-arranġamenti biex il-mant seta' jinġieb Ħad-Dingli u lill-voluntiera

tal-parroċċa tal-Gżira li ġew jassistu fl-armar tiegħu fil-knisja tagħna. F'dak l-istess tmiem il-ġimgħa, tnediet kampanja ta' ġbir ta' fondi biex il-ħolma tal-poplu ta' Ħad-Dingli sseħħ. L-ewwel inizjattiva kienet il-ġabra speċjali tal-ewwel Ħadd tax-xahar ta' Diċembru fil-knisja u l-ġabra tal-*envelopes* li ssir kull sena bħala r-rigal għall-Milied mill-familji Dinglin lill-parroċċa. Tħabbar ukoll li ma' dan il-proġett hemm marbuta inizjattiva ta' karità fejn il-parroċċa qed tintrabat li 'l quddiem tħallas tliet boroż ta' studju fil-formazzjoni ta' tliet saċerdoti: wieħed f'Malta, Salesjan ta' Don Bosco billi l-ordni għandha kulleġġ f'Ħad-Dingli, u ieħor fil-Perù fejn hemm missjunarju minn Ħad-Dingli.

F'Diċembru wkoll, l-Arċipriet Dun Ewkarist Zammit żar kumpanija li timmanifattura drappijiet fini f'Caserta, qrib Napli. Il-kumpanija *Real Seta* hi waħda rinomata u tul is-snin kienet ikkummissjonata proġetti fil-Vatikan, il-*White House* f'Washington, il-Palazz ta' Buckingham f'Londra u l-Kremlin f'Moska. Fil-kwartieri tal-kumpanija, l-Arċipriet kellu taħdidiet mad-diriġenti, ġie diskuss il-proġett propost mill-parroċċa ta' Ħad-Dingli u ntwera kampjuni ta' drapp li jistgħu jiġu kunsidrati. Il-parroċċa għadha f'kuntatt ma' din il-kumpanija biex issa jintbagħtu kampjuni mdaqqsa għall-għażla finali tad-drapp.



Fl-aħħar Ħadd ta' Jannar 2018, l-Arċipriet ippreżenta lid-Dinglin abbozz ta' disinn propost mis-Sur Silvio Pace għall-mant tal-istatwa titulari ta' Santa Marija. Dan intlaqa' tajjeb ħafna mill-parruċċani. Wara li fil-bidu ta' din is-sena nbidel l-Arċipriet, saru aktar laqgħat mad-disinjatur Silvio Pace u ma' Patri Martin Borg O.C.D. Nhar il-festa ta' din is-sena filgħaxija, l-Arċipriet Dun Mark Mallia Pawley mistenni jħabbar min huma l-artisti li ġew kummissjonati li jagħmlu xogħol relatat mal-proġett, jagħti rendikont tal-flus miġbura s'issa u dettalji oħra importanti fit-triq għat-twettieq tal-mant għall-istatwa ta' Santa Marija.

## Fl-okkażjoni tal-festa...

- L-Arċipriet, flimkien mal-Kleru, il-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kumitat Festa Esterna jawguraw lil kulħadd IL-FESTA T-TAJBA.
- Inżommu f'moħħna l-iskop ewlieni tal-festa; jiġifieri li nagħtu qima lill-Madonna, nersqu aktar qrib lejn binha Ġesù u fuq kollox inġeddu r-rieda tagħna li nkunu nsara aħjar. Il-festa tkun suċċess jekk tgħinna nagħmlu dan.
- Inkunu veru għaqlin jekk nersqu spiss lejn il-knisja, nieħdu sehem fit-tifħir lil Alla u lill-Madonna, inqerru u nitqarbnu. Fl-aħħar ġimgħa tal-festa jkollna konfessuri barranin għall-qrar f'diversi ħinijiet, skont kif indikat f'dan il-programm.
- Il-kant, l-orkestra u l-mużika fit-tridu, lejlet u nhar il-festa jkunu taħt id-direzzjoni ta' Mro James Chappell bis-sehem tal-Kor Parrokkjali *Regina Coeli*. Titkanta l-Antifona *Hodie Maria*, kompożizzjoni ta' Mro Chappell u propjetà tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli.